MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 144/2014

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta ta' April, tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (03/04/1976) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, F B u K B li llum huma t-tnejn maggorenni;

2. Illli l-partijiet huma separati legalment permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Degaetano deciza fit-2 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet premessi (Cit. Nru. 962/94 VDG) li qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;

3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ferm aktar minn erba' snin legalment separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.
4. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni dwar il-manteniment peress li din giet deciza in forza ta' sentenza tas-separazzjoni bejn il-partijiet tat-2 ta' Mejju 2000, fejn l-intimat gie ordnat ihallas manteniment lil martu fis-somma ta' mija u tlieta u sittin ewro u sitt centezmi (€163.06) fix-xahar. Il-manteniment ghall-ulied illum m'ghadux jithallas peress li l-ulied huma maggorenni;

5. Illi ghaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabiliti mil-ligi biex jinghataw id-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha jiddikjara :

1. Illi huwa ma jopponix ghat-talbiet kif dedotti;
2. Illi huwa jaqbel mal-premessi kollha tar-rikors;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-25 ta' April, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Mejju, 2000;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------